MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 217/2008

**Go p.l.c.**

**V**

**Jesmond u Rita konjugi Sant**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avvizipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 2008 permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' sebat elf disgha mija erbgha w hamsin euro u hamsa u tletin euro centezmu (Euro 7954.35) ekwivalenti ghal valur antik ta' tlett elf erba' mija u erbatax il-lira Maltija (LM314.80) rapprezentanti ammont minnhom dovut in konnessjoni ma servizzi telefonici bin-numri (CN250913 – AC10173509), 21419291 (AC10173508) u 2149214, 21434066, 21434110, 21434169 9AC 10173510).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li huma ngunta ‘n subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati bir-rikors in kwistjoni nhar l-ghaxra (10) t’Ottubru 2008 skond kopja tal-gazetta lokali *The Times* esebita fl-atti u markata Dok. GO 1, u fil-Gazzetta tal-Gvern datata tletin (30) ta’ Settembru 2008 skond kopja esebita fl-atti (fol. 30), oltre li gew notifikati bl-affissjoni fir-residenza “Our House” Triq il-Pont, Mosta, nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t’Awwissu 2008 u kopja tal-avviz gie wkoll moghti l-Ghassa tal-Pulizija, Mosta u lill-Kunsill Lokali, Mosta fl-istess jum tas-sebgha w ghoxrin (27) t’Awwissu 2008.

Rat illi fis-seduta tal-ghoxrin (20) t’Ottubru 2008 l-konvenuti gew imsejha, izda ma dehrux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici, issib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici is-somma ta’ sebat elf disgha mija erbgha w hamsin euro u hamsa u tletin euro centezmu (Euro 7954.35) ekwivalenti ghal valur antik ta’ tlett elf erba’ mija u erbatax il-lira Maltija (LM314.80) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------